# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2005/0259(CNS)**

12.11.2008

*

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi tal-manteniment
(14066/2008 – C6-0384/2008 – 2005/0259(CNS))

(Konsultazzjoni mġedda)

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Genowefa Grabowska

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

NOTA SPJEGATTIVA .....6

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi tal-manteniment**
**(14066/2008 – C6-0384/2008 – 2005/0259(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni - konsultazzjoni mġedda)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz tat-test tal-Kunsill (14066/2008),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0649),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2007[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 61(c) u 67(2) tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0384/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6–0000/2008),

1. Japprova t-test tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test ippreżentat għall-konsultazzjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur hija ferħana ħafna li fl-aħħar ġiet ippreżentata l-verżjoni riveduta tar-regolament dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni f'materji relatati mal-obbligi tal-manteniment li dwarhom il-Parlament Ewropew ippreżenta l-opinjoni tiegħu kważi sena ilu. Hija ħasra, madankollu, li aħna u b'mod aktar speċifiku ċ-Ċittadini tal-UE kellhom jistennew daqshekk fit-tul għal dan it-test.

Dan ir-Regolament għandu jirriżulta fl-issimplifikar tal-ħajja taċ-ċittadini. L-ewwel ħaġa trid tiġi applikata s-sempliċità fit-tmexxija tal-proċeduri neċessarji biex issir it-talba għall-manteniment. Wara dan, ir-Regolament jipprovdi li ladarba d-deċiżjoni tal-obbligi tal-manteniment tkun ittieħdet fl-Istati Membri, din tkun torbot legalment lill-Istati Membri kollha. Ir-Regolament jorganizza wkoll sistema operattiva ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri sabiex tgħin lill-kredituri jiġbru d-dejn tagħhom.

Ir-rapporteur hija ferħana li l-Parlament Ewropew reġa' ġie kkonsultat dwar it-test rivedut għalkemm hi għadha tal-fehma li test importanti bħal dan kellu jkun ippreparat skont ir-regoli ta' proċedura tal-kodeċiżjoni.

Dwar il-kontenut, ir-rapporteur tixtieq tgħid li hi tal-opinjoni li ħafna mit-tħassib tal-Parlament Ewropew ġie kkunsidrat (jiġifieri t-tneħħija tal-exequatur). Ir-riżultat finali li issa qiegħed fuq il-mejda huwa kompromess li għandu l-appoġġ tagħha. Għalhekk ir-rapporteur iddeċidiet li tieqaf milli tippreżenta l-emendi sabiex ikollha disponibbli t-test finali qabel l-aħħar tas-sena. B'hekk ikun żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jibbenefikaw minnu kemm jista' jkun malajr.

Ir-rapporteur, madankollu, tixtieq tenfasizza l-bżonn tal-kontinwazzjoni tax-xogħlijiet fuq il-proċeduri tal-infurzar mill-Kummissjoni Ewropea. Hija kienet ferħana tisma' li hemm intenzjoni bħal din u hi vera tixtieq li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan kemm jista' jkun malajr. L-infurzar effikaċi madankollu huwa importanti biex ikun żgurat li aħna jkollna sistema komuni ta' rikonoxximent armonizzata u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment fl-Unjoni Ewropea.